MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2008

Numru 206/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Vincent Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Vincent Borg ta' 52 sena iben Anthony u Anna nee' Gauci, mwieled il-

Pieta' fl-04 ta' Lulju 1955, u residenti 86, 'St.Anthony House', Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0509655(M) gie akkuzat talli:

(1) Nhar it-12 ta'Marzu 2008, ghall-habta tas-6.00pm, u fi zminijiet ta'qabel, minn gewwa garage No. 71, Triq Hal-Dghejf, Naxxar, ghamel jew xjentement zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu xi sustanza esploziva taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi huwa ghamilha, zammha jew kienet ghandu ghal hsieb mhux lecitu.

(2) U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkustanzi dahhal f'Malta porvli ta' l-isparrar, jew esplozivi ohra, inkella fetah jew zamm fabbriki tal-porvli jew xoghlijiet tan-nar, inkella fabrikki ohra fejn jinhadmu porvli jew esplozivi ohra, minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija. Din il-licenza ma tigix moghtija kemm il-darba ma jittihdux il-prekawzzjonijiet mehtiega ghall-harsien tal-hajja u tal-proprjeta'.

(3) U aktar talli fl-istess, data, hinijiet, lok u cirkostanzi, zamm ghal bejgh jew hazen porvli ta' l-isparar jew esplozivi minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr.Stefan Zrinzo Azzopardi, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u dana anki mill-istadju inizjali tal-investigazzjonijiet u tenut kont il-fatt ukoll li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li ghandu fedina penali netta, umilment issottomettew li l-Qorti, fil-piena li sejra taghti, tikkunsidra l-possibbilita' li l-imputat ma jinghatax piena karcerarja effettiva.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 313 tal-Kap. 9 u l-artikoli 3, 9, 27 u 28 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Vincent Borg, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum, l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u dana anki mill-istadju inizjali tal-investigazzjonijiet u tenut kont il-fatt ukoll li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li ghandu fedina penali netta, umilment issottomettew li l-Qorti, fil-piena li sejra taghti, tikkunsidra l-possibbilita' li l-imputat ma jinghatax piena karcerarja effettiva u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Vincent Borg ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmi (Ewr. 698.81) multa ekwivalenti ghal tlett mitt Liri Maltin (Lm300), u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum l-imputat Vincent Borg jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Vincent Borg milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja taht il-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti qed taghti lill-imputat Vincent Borg l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna a tenur ta’ l-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------